L-UFFIĊĊJU TAL-KUMMISARJU GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIIMALI

RAPPORT ANNWALI - 2018

Is-sena 2018 kienet oħra bieżla ħafna għall-Uffiċċju tiegħi. Minn Jannar sa Ottubru, għar-4 sena konsekuttiva, il-promozzjoni dwar il-ħarsien tal-annimali ffukat l-aktar fuq il-provvista ta' *lectures*, inkluż preżentazzjoni bil-PowerPoint, għall-istudenti li jattendu s-6 sena fi skejjel tal-istat, tal-knisja u privati. Organizzajna wkoll diversi *lectures* għal grupp kbir ta' anzjani li jgħixu fid-Dar tal-Anzjani St Vincent de Paule, f'ċerti Kunsilli Lokali, ċentri taż-żgħażagħ u gruppi soċjali oħra. F'kull *lecture* li tajna qassamna kopja tal-ktieb 'L-Imħabba Tagħna Lejn l-Annimali. Obbligi – Liġijiet – Regolamenti'. Il-pubblikazzjoni tal-ktieb ta' ħidma 'Il-Ħbieb Tagħna l-Annimali' tqassam ukoll lill-istudenti kollha tal-5 sena tul is-sena skolastika.

Fil-15 ta' Marzu l-Uffiċċju tiegħi ġie mistieden mill-Assistent Kap tal-Iskola ta' De La Salle fil-Kottonera, is-Sur Robert Grech, biex nipparteċipaw fil-*Careers Day* għall-Istudenti tal-Iskola Sekondarja. Matul l-attività kellna stand li ħadna ħsiebha aħna, u dan tana l-opportunità li niddiskutu mal-istudenti l-possibilità ta' karriera fil-qasam tal-ħarsien tal-annimali. Tqassmu wkoll kotba u fuljetti lil dawk l-istudenti li huma interessati fis-suġġett. Kont tassew sodisfatt mir-rispons ta' numru kbir ta' studenti li avviċinawna biex jiksbu aktar informazzjoni dwar il-ħarsien tal-annimali f'Malta. Matul is-sena kien hemm għadd ta' studenti tal-Università u mill-MCAST li ċemplu l-uffiċċju tiegħi għal informazzjoni relatata mal-ħarsien tal-annimali fil-gżejjer Maltin.

Fl-24 ta' Mejju kont mistieden mill-Malta Guide Dogs Foundation biex nipparteċipa fiċ-ċelebrazzjoni tagħhom għall-Gradwazzjoni ta' xi *guide dogs*. Din l-attività, li seħħet fil-Phoenicia Hotel, kienet interessanti ħafna u kienet organizzata tassew tajjeb. Matul is-sena kelli numru ta' laqgħat mal-Membri tal-Kunsilli Lokali biex nipprovdilhom informazzjoni speċifika biex jibnu Cat Cafe' jew Dog Park fil-lokalità tagħhom. F'dawn l-inizjattivi l-Gvern huwa impenjat li jipprovdi assistenza lil dawk li huma interessati. Is-suġġett li qajjem ħafna mistoqsijiet f'ċerti lokalitajiet madwar Malta kienet il-kwistjoni ta' ħamiem ferali u l-kontroll tagħhom. F'dan il-qasam hi meħtieġa direzzjoni permezz ta' Leġiżlazzjoni Sussidjata speċifika għall-kontroll tal-ħamiem b'mod uman.

Fit-30 ta' April iltqajt ma' Dr Simon Curtis u s-Sur Martin Darmanin, li t-tnejn li huma persuni professjonisti li jwaħħlu n-nagħal taż-żwiemel (*farriers)*, fejn iddiskutejna stalla fejn jitwaħħlu n-nagħal taż-żwiemel (*farriery)* f'Malta. Huwa meħtieġ aġġornament f'dan il-qasam, l-ewwel nett billi jingħataw linji gwida permezz ta' Leġiżlazzjoni Sussidjarja f'din il-professjoni. Kors għal dawk li huma interessati f'dan il-qasam għandu jkun ikkontrollat bħala kwistjoni ta' ħarsien tal-annimali. It-tiġrijiet taż-Żwiemel u l-Karozzini kull sena jiġu kkritikati bil-qawwi minn ħafna persuni li jħobbu lill-annimali, kemm Maltin kif ukoll barranin. Jien irċevejt ukoll petizzjoni ffirmata minn eluf ta' persuni biex il-karozzini jiġu pprojbiti li jaħdmu f'Malta. Hemm bżonn li din il-kwistjoni tiġi indirizzata minn Leġiżlazzjoni Sussidjarja u jinħtieġ li din tkun infurzata kuljum.

Matul l-aħħar xhur li okkupat il-pożizzjoni ta' Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali, l-Uffiċċju tiegħi rċieva tliet mitt rapport, l-aktar minn ċittadini Maltin u barranin.

Il-parti l-kbira tal-ilmenti kienu dwar is-sidien tal-karozzini, li uħud minnhom iżommu liż-żwiemel tagħhom fix-xemx għal perjodi twal ta' ħin fis-sħana tas-sajf. Kelli diversi laqgħat ma' għadd kbir ta' persuni li jħobbu l-annimali, li bosta minnhom ilmentaw dwar id-**Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali** u ż-żamma ta' qtates u klieb fl-Għammieri li għandu bżonn urġenti ta' aġġornamenti.

Kellna laqgħa tassew animata mal-Animal Liberations Malta, fejn spjegajtilhom li għalkemm kien hemm titjib fir-rigward tal-ħarsien tal-annimali f'Malta, naqbel bis-sħiħ li għandna bżonn nieħdu l-pass li jmiss 'il quddiem, li huwa li jinbena ***Rehoming Centre*** mill-aqwa għal dawn il-klieb u l-qtates li bħalissa qed jinżammu fil-bini ta' dan id-Direttorat. Jien spjegajt li naqbel mal-idea tagħhom waqt li għamilthielhom ċara li fl-2017 kont ħadt l-inizjattiva li niftaħ kont mal-Bank Ċentrali a' Malta, u għalhekk meta jkun hemm somma flus li tinġabar minn donazzjonijiet, din tista' tintuża għal dan iċ-Ċentru. L-aħħar rendikont għal Diċembru 2018 li ntbagħat mill-Bank Ċentrali juri total ta' €17,500 depożitati fil-kont b'numru **MT94MALTA011000040090EURCMG5001R**, fosthom xi donazzjonijiet mogħtija minn barranin għal dan l-iskop. Kopja ta' dan ir-rendikont hija mehmuża ma' dan ir-rapport.

Fl-1 ta' Ottubru kont imsejjaħ mill-Onor. Prim Ministru f'Auberge de Castille biex ngħinu matul laqgħa li kien qed jorganizza ma' membri ta' The Animal Liberations Malta. F'din il-laqgħa li kienet ta' suċċess, ġiet spjegata l-inizjattiva ta' Ċentru ta' *Rehoming* modern minn dawk kollha involuti, u kulħadd ippromwova l-idea li dan iċ-Ċentru huwa tassew vitali u ser jikkontribwixxi fil-progress għall-ħarsien tal-annimali f'Malta. Il-Prim Ministru deher li qabel ma' din l-inizjattiva biex jitjieb il-ħarsien tal-annimali f'Malta.

**Emanuel Buhagiar**
**Il-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali.**